

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 494/2013

tad-29 ta' Mejju 2013

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (2) Il-Kunsill iqis li persuna waħda u żewġ entitajiet għandhom jitneħħew mil-lista ta' persuni u entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandu jġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa b'dan emendat kif previst fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. BRUTON

<sup>(1)</sup> ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

## ANNEX

Il-persuna u l-entitajiet li ġejjin jitħassru mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006:

## (1) Persuna

Shadryna, Hanna Stanislavauna

## (2) Entitajiet

(a) The Spirit and Vodka Company Aquadiv (Kumpannija tal-Ispirti u l-Vodka Aquadiv)

(b) Sport-Pari

---